KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

**Ref: Seduta 18 Ad Hoc_6/06/07/V**

## MINUTI TAT-TMINTAX-IL SEDUTA

**It-tmintax-il seduta tal-Ħames Kunsill Lokali ta' tas-Sliema nżammet nhar l-Erbgħa 6 ta' Ġunju, 2007 fl-Uffiċċju Amministrattivi,** fi Triq Depiro, Sliema

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Margaret Ann Azzopardi**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono A&CE**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju:** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fl-4.30pm b'din l-agenda:

1. **Komunikazzjonijiet (korrispondenza u ħlas ta' pagamenti)**
2. **Komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
3. **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
4. **Deċiżjoni dwar it-*tenders* ta' tabelli u sinjali**

## 1.0 KOMUNIKAZZJONIJIET (KORRISPONDENZA U ĦLAS TA' PAGAMENTI)

1.1 L-iskeda tal-pagamenti minn ċekk numru 8664 sa 8718 ġiet ikkunsidrata bħala moqrija, minħabba li din kienet intbagħtet qabel lill-kunsilliera. Ma kien hemm l-ebda punt. Il-viċi sindku ppropona l-approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti.



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

Il-kunsilliera M Azzopardi ssekondat. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata bi qbil unanimu.

*Il-kunsillier M Debono daħal fil-kamra fl-4.40p.m.*

*Il-kunsillier L Vella daħal fil-kamra fl-4.41p.m.*

## 2.0 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV

2.1 It-talba tas-sur Jonathan Cassar għan-nom tas-*Seahorse Diving club* sabiex issir maratona ta' 50 siegħa f'qiegħ il-baħar fil-bajja ta' Qui-Si-Sana liema fondi ottjenuti se jingħataw lill-organizazzjonijiet filantropiċi ġiet approvata bi qbil unanimu diment li jiġu osservati r-regolamenti kollha tal-pulizija u li jinġabu l-permessi kollha neċessarji. Dan il-permess ingħata wkoll bil-kundizzjoni li jsir it-tindif neċessarju matul u wara l-attivita' u li ma jkunx hemm ksur ta' inkonvenjenza wara l-11.00 p.m.

*Il-kunsillier N Dimech daħal fil-kamra fil-4.50 p.m.*

2.2 Inqrat il-korrispondenza mibgħuta mid-direttur ta' l-immaniġjar tat-traffiku, is-sinjura De Noto. Rigward il-proposta ta' *Cycle Lane* li ma ġietx milqugħa mid-direttorat, il-kunsillier M Debono fakkar li l-Kunsill irid jinkoraġġixxi l-*green transport* u b'hekk ippropona li l-kunsill għandu jiltaqa' mas-sur Selvaggi biex jiddiskuti iktar dwar dan is-suġġett. Il-Kunsill qabel dwar dan.

2.3 Rigward is-suġġett tar-*Residential Parking Scheme*, is-sindku nfurmat lill-kunsilliera li d-direttur kienet tat parir lill-kunsill sabiex is-sistema tiġi introdotta ftit ftit, iżda s-sindku kienet ikkonvinċieta li aħjar li s-sistema tiġi introdotta globalment. Id-direttur ta' l-Awtorita' dwar it-Trasport, għandha ssejjaħ laqgħa fejn se jiġu mistiedna r-rappreżentanti kollha inkluż il-GRTU, qabel ma' il-kunsill ikun jista jipproċedi.

2.4 Rigward il-*garage* numru 25 fi triq Milner u każ ieħor fi triq Depiro, id-direttorat qabel mal-kummenti tal-kunsill li għandhom jitneħħew iż-żewġ *parking bays* miż-żewg toroq imsemmija w l-kunsillier Briguglio għandu jindika liema huma dawn il-*parking bays.*

2.5 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza li kienet intbagħtet lill-kunsilliera kif ukoll għall-laqgħa li kienet saret mad-direttur tal-*Cleansing Services Department* rigward il-possibbilta' li jsir arranġament fejn il-kunsill iħallas għall-materjal filwaqt li d-dipartiment iħallas għax-xogħlijiet liema xogħlijiet jikkonsistu minn bdil ta' madum, aċċessorji, *aluminium*, *partitions*, dawl u ilma fil-lattrina pubblika li tinsab fi triq Bisazza. Ġie nnotat il-punt li din il-lattrina mhijiex aċċessibbli għal nies bi bżonnijiet speċjali. Il-Viċi Sindku qal li fil-passat kien hemm lattrina tal-ġebel ix-Xatt. Il-kunsillier M Debono issuġġerixxa li l-kunsill għandu jitlob lill-Ministeru konċernat għal possibbilta' li jiġu nstallati *chairlifts*. Il-Kunsill qal ukoll li għandhom jitwaħħlu *hand rails*. Il-Kunsillier M. Briguglio issuġġerixxa li l-kunsill jirranġa mal-*Plaza Shopping Centres* sabiex issir tabella biex ngħarrfu lill-pubbliku li lattrini aċċessibli jinsabu fl-imsemmi kumpless. Il-Kunsill għandu jikteb lill-*Plaza Shopping Centre*. Il-kunsill ma qabilx ma l-ideja li jkun hemm *mobile toilets* fuq il-post.

Il-kunsillier L Vella qal li importanti li ssir tabella li tindika li x-xogħol qed isir mill-kunsill. Is-segretarju eżekuttiv ippreżenta l-istimi li kienu ngabru mid-dipartiment u ppreżenta l-kampjuni li kienu tawh id-Dipartiment. Is-segretarju eżekuttiv spjega x-xogħlijiet kollha li kienu proposti li jsiru mid-Dipartiment u ppreżenta ċ-ċifra ta' Lm2993.75 (€6973,56) ta' materjal li se jintuża. Il-kunsill qabel ma dawn l-ispejjeż minbarra l-madum. Il-kunsillier M Debono ħa l-inkarigu li jagħżel madum iktar adattat għall-lattrina pubblika. Il-kunsill għandu jiċċekkja wkoll ma' l-Awtorita' tad-Djar għal possibbilta' li jsiru *chairlifts* għal din il-lattrina pubblika. Il-kunsill iddeċieda wkoll li x-xogħol għandu jinbeda issa u mhux f'Ottubru li kienu ż-żewg proposti tad-Dipartiment.

2.6 Is-segretarju qara l-ittra li kienet intbagħtet mingħand is-sur Ray Bezzina għan-nom tal-Ministeru ta' l-Affarjiet Rurali u l-Ambjent dwar regolamenti bħala linja ta' gwida għall-immaniġġjar ta' siti ta' kostruzzjoni. Dawn ir-regolamenti għandhom iħarsu lir-residenti fil-ħarsien tad-drittijiet tagħhom u fejn ingħatat l-opportunita' lir-residenti sabiex jagħtu l-kummenti tagħhom.

2.7 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-ittra li kienet intbagħtet mill-assigurazzjoni u għar-rapporti li kienu saru dwar l-istat tal-*Playing fields* u talab lill-kunsill sabiex japprovalu li jsiru x-xogħlijiet neċessarji skond kif hemm indikat fl-istess rapport. Is-segretarju eżekuttiv irrefera għar-rapport ta' Qui Si Sana u n-nuqqasijiet li hemm. Ġie deċiż li ż-żurżieqa titneħħa u li ngibu kwotazzjonijiet għal xi ħaġa simili minflokk. Għandna ngibu stimi għas-*safety tiling* li hemm bżonn. Rigward ir-*railing* li għandu jsir, ġie deċiż li nistaqsu lill-ħaddiema tagħna jekk jistgħux jagħmluh huma u l-materjal jinxtara mill-kunsill u jekk ir-risposta tkun fin-negattiv, il-kunsill għandu jġib l-istimi. Ġew approvati wkoll *bollards* sabiex ma jidħlux vetturi fil-*playing field* ta' Qui Si Sana. Il-kunsill approva wkoll ix-xogħlijiet kollha neċessarji skond kif hemm indikat fil-*Health and Safety report* għat-tlett *playing fields.*

2.8 Is-sindku rreferiet għall-korrispondenza li kienet intbagħet mingħand il-Perit Vassallo għan-nom tal-kumpanija *Urban Arts* li tikkonċerna talba sabiex isiru *boards* elettroniċi bir-reklami matul ix-Xatt u l-*promenade* liema *boards* huma magħmulin mill-*aluminium.* Is-sindku ssuġġeriet li nagħtu permess għal sena u fil-każ naraw kif inkunu morna. Il-kunsillier N Dimech qal li jara ħafna minnhom barra minn Malta. Il-kunsillier M Debono qal li rridu noqogħdu attenti għaliex ikollna iktar talbiet simili fil-futur. Il-kunsillier M Briguglio qal li ma jaqbilx għaliex jibża li biż-żmien isiru fi stat ikrah bħal ma qegħdin dawk ta' Shigo preżentament. Fuq dan il-punt is-Sindku qalet li l-Kunsill għandu jagħti *deadline* lill-kumpanija tas-Shigo u jekk ma jitneħħewx dawk li qegħdin fi stat ħażin jew jiġu rranġati saż-żmien stipulat il-Kunsll jibda jneħħihom hu stess. Is-sindku reġat irreferiet għat-talba mill-kumpanija *Urban Arts* fejn qalet li taqbel li jitwaħħlu dawn il-*boards* iżda mhux matul il-*promenade* kollu kif talbet il-kumpanija. Il-kunsillier N Dimech ippropona li jsiru 8 fiz-zona tax-Xatt (The Ferries u The Strand 4 fuq naħa u 4 in-naħa l-oħra) liema postijiet jiġu identifikati mill-kunsill u li jrid l-ewwel jinġab il-permess mill-MEPA u li l-pagament, skond kif inhu stipulat mill-*bye laws* ta' l-i*street furniture*, jitħallas għal sena bil-quddiem. Il-kunsillier J Galea ssekonda. Il-kunsillier M Debono talab li jitniżżlu l-ismijiet. Il-votazzjoni kienet:

6 Favur (Sindku, Viċi Sindku, M. Azzopardi, N. Dimech J Galea u L Vella)
3 Kontra (M Debono, M Aquilina, M Briguglio)

2.9 Il-kunsillier M Briguglio ma qabilx ma din id-deċiżjoni minħabba li ma jaqbilx li art pubblika għandha tiġi privatizzata. Il-kunsillier M Debono qal li huwa ma jaqbilx li postijiet pubbliċi għandhom jiġu użati għal skopijiet privati.

2.10 Il-kunsillier M Debono għadda mozzjoni li ma jaqbilx li għandhom isiru reklami fuq il-*promenade* jew ix-Xatt u li ma jaqbilx ma reklami sakemm ir-reklami ma jkunux fuq il-faċċata tal-ħwienet jew inkella għal skopijiet ta' informazzjoni dwar servizzi pubbliċi. Is-sindku rrimarkat li l-kunsill diġa' għandu *bye-laws* għal reklamar fuq għamara tat-toroq liema *bye-laws* kienu ġew approvati fis-seduta tar-raba' leġislatura tat-23 ta' Lulju, 2003. Il-kunsillier L Vella qal li din il-mozzjoni ma tistax titqiegħed għal vot minħabba li hemm dawn il-*bye-laws*. Il-kunsillier M Aquilina ssekondat il-mozzjoni.

Il-votazzjoni kienet :
3 Favur (M Debono, M Aquilina, M Briguglio)
6 Kontra (Sindku, Vici Sindku, M Azzopardi, N Dimech, J Galea u L Vella)

2.11 Is-segretarju eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera li kien irċieva kopja tas-sejħa għall-offerti maħruġa mill-MEPA għax-xiri ta' *circular bus* li taħdem bil-*biodiesel* għall-lokalita' ta' Tas-Sliema.

*Il-kunsilliera M. Azzopardi kienet skużata millii tkompli s-seduta fil-5.45pm*

2.12 Ġie approvat ix-xiri ta apparat li jitwaħħal ma' bandla sabiex tkun tista tintuża minn tfal bi bżonnijiet speċjali liema spiża tammonta għal Lm286.23 (€666,74) mingħand *Technoline Ltd.*

2.13 Inqrat il-korrispondenza li ntbagħtet mill-*Invicta Ltd* rigward talba għal *Un/Loading Bay* minħabba l-għamara goffa li tidħol u toħroġ minn ġewwa x-*showrooms* tagħhom. Din it-talba ma ġietx milqugħa mill-kunsill minħabba li hemm *Un/Loading bay* fil-viċinanzi.

2.14 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għar-risposta li kien irċieva mill-perit tal-kunsill dwar it-talba mill-kunsill għat-tnaqqis fil-kont li kien ippreżenta rigward ir-rapport li ħejja dwar l-ispejjeż tat-toroq madwar il-proġett ta' *Fort Cambridge* fejn il-perit minnflok ippropona li l-ħlas isir fuq bażi ta' tlett snin. Saret diskussjoni fejn ġie mfaħħar is-servizz tal-perit preżenti. Il-kunsill iddeċieda li jagħti lill-perit mill-ewwel is-somma ta' Lm1500 (€3494.06) minnflok Lm2200 (€5124.62) liema ħlas isir mill-ewwel fil-każ li l-perit jaċċetta.

2.15 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza li konna rċevejna mingħand is-sur Adrian Gatt. Rigward il-problema ta' quddiem l-għassa tal-pulizija minħabba l-mod kif jipparkjaw il-karozzi. Il-kunsill iddeċieda li għandu jitwaħħal *railing* simili għal dak li kien hemm fil-passat, fejn jitħalla aċċess għal *pushchairs* u *wheelchairs*. Il-kunsill ma qabilx mal-proposta li jitwaħħlu bollards fuq il-bankina fil-każ ta' triq Moroni, minħabba li dawn huma llegali. Qabel li għandhom jintbagħtu l-gwardjani lokali filwaqt li l-marki tat-toroq

isirilhom il-manutenzjoni meħtieġa fil-każ li hemm bżonn. Dwar il-problema ta' l-għargħar f'din it-triq, ġie diskuss li l-kunsill diġa' għamel l-almu tiegħu u fil-fatt għamel *culvert* iżda l-proposta tas-sur Gatt sabiex il-kunsill jidħol f'art privata u jagħmel xogħol biex il-culvert ikun aktar effettiv ma ġietx milqugħa. Dan peress li l-kunsill ma jistax iwettaq xogħlijiet f'art privata u għalhekk is-sur Gatt għandu jirranġa mas-sid stess. Il-kunsill innota wkoll li l-problema tal-parkeġġ u l-għargħar se tiżdied fil-każ li s-sid ta' l-art itella l-*boundary wall*.

2.16 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għar-risposta li ngħatat mingħand is-sur George Vella għan-nom tal-kumitat għat-tismija tat-toroq fejn għat-tieni darba ma' laqax it-talba tal-kunsill biex jinbidlu l-ismijiet ta' żewġ toroq u wieġeb li l-kumitat lest li jikkunsidra proposti għal tismija ta' toroq jew wesgħat ġodda biss.

2.17 Iż-żewġ talbiet għal *reserved parking bays* fi triq Sant Enriku u Triq it-Torri ma ġewx milqugħa mill-kunsill. Il-kunsill iddeċieda wkoll li għandu jiċċekkja dwar ir-*reserved parking bay* li tinsab fi triq Don Bosco.

2.18 Is-segretarju eżekuttiv talab għall-evalwazzjoni tal-kunsillier Debono skond deċiżjoni tas-seduta preċedenti rigward il-kwotazzjonijiet li kienu nġabu mingħand Dr Doublet u s-sur Peter Gatt dwar l-istudju ġeoloġiku u ġeotekniku tax-xatt f'Tas-Sliema. Saret diskussjoni u analiżi tal-kwotazzjonijiet mitfugħa. Il-kunsill bi qbil unanimu iddeċieda li jagħżel il-kwotazzjoni mitfugħa mis-sur Gatt minħabba li offra li jwieġeb il-maġġoranza tar-rekwiżiti identifikati mill-kunsill bl-iktar mod pożittiv.

2.19 Is-sindku ġibdet l-attenzjoni tal-kunsill li kienet inbdiet il-proċedura sabiex jinħatar skrivan għall-kunsill minħabba li s-sur D Micallef kien qiegħed fuq kuntratt u l-kunsill kellu bżonn skrivan fuq bażi *full time*. Is-sindku għarrfet ukoll li kien se jkun hemm l-*interviews* neċessarji fi żmien qasir.

2.20 Rigward it-talba tat-Tex Mex sabiex iwaħħal żewġ reklami fuq is-*centre strip* iż-żgħira li tinsab quddiem *Joinwell* b'daqs ikbar minn dak tal-*pedestrian barriers*, il-kunsill ma jsibx oġġezzjoni diment li l-ewwel iġib il-permess mingħand il-MEPA u mbagħad nipproċedu skond il-*bye laws* ta' l-*street furniture*.

2.21 It-talba mingħand Grace Borg ta' l-Exotique sabiex tingħalaq parti minn triq Manwel Dimech sabiex titella' attivita' fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni tal-kumpless tagħha ġiet aċċettata mill-kunsill diment li t-triq ma tingħalqx qabel is-7.30 p.m minħabba l-ħwienet l-oħra.

2.22 It-talba sabiex tittella attivita' minn *Media Consulta* sabiex issir attivita' f'Tas-Sliema ġiet milqugħa bil-kundizzjoni li t-trukk tagħhom jigi pparkjat fil-*carpark* ta' ma' ġenb il-Fortizza u mhux fuq il-paviment. L-organizzaturi għandhom iġibu wkoll il-permessi neċessarji mill-pulizija u jieħdu ħsieb huma li ma jkunx hemm vetturi pparkjati dakinhar.

2.23 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għat-talba tas-sur Dennis Calleja sabiex issir attivita' *Art Therapy* f'Tas-Sliema fejn talab spazju ta' mhux aktar minn 20

metru kwadru biex jagħmel imwejjed u siġġijiet. Is-sur Dennis Calleja talab ukoll li l-kunsill itih is-somma ta' Lm10 (€2.329) biex ikopri parti mill-ispejjeż tal-materjal li jintuża. Peress li normalment wieħed irid iħallas għall-attivitajiet, il-Kunsill qabel li s-Sur Calleja ma jħallasx u l-kunsill ma jagħtix d-donazzjoni mitluba minħabba kwistjoni ta' proċedura. It-talba tas-sur Calleja ġiet milqugħa liema attività' għanda ssir ix-Xatt liema parti għanda tiġi indikata mis-sur Calleja.

2.24 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għat-talba tas-sur R Falzon sabiex issir *Un/Loading bay* quddiem il-ħanut tiegħu. Il-kunsillier M Debono talab lill-kunsill jikkunsidra li issir *Un/Loading bay* mis-2p.m. sa l-4 p.m biss. Saret diskussjoni dwar dan is-suggett fejn ġie nnotat li t-talba għal din il-bay tinsab eżattament fil-kantuniera kif ukoll li dan il-parkeġġ ikun okkupat il-maġġoranza tal-ġurnata mis-sur Falzon stess. It-talba tas-sur Falzon ma ġietx milqugħa mill-kunsill.

2.25 Is-sindku rreferiet għar-risposta mibgħuta minn *Townsquare* fejn uriet biċ-ċar li l-iżviluppaturi qatt ma kellhom l-intenzjoni li jġibu l-mudell ta' *Townsquare* fl-ufficcji amministrattivi tal-kunsill kontra dak li kien intqal f'seduta preċedenti. Is-sindku żiedet tgħid li kif hemm miktub fl-ittra, l-iżviluppaturi wrew ix-xewqa li jiltaqgħu mal-kunsill sabiex itellgħu preżentazzjoni. Il-kunsill iddeċieda li jiltaqa' ma dawn l-iżviluppaturi nofs siegħa qabel il-laqgħa tal-kunsill li jmiss.

2.26 Is-sindku rreferiet għar-rapport tal-perit tal-kunsill dwar il-problema ta' għargħar fi triq Santa Liena kantuniera ma' triq Isouard. Il-kunsill iddeċieda li jagħmel *sleeping policeman* bil-*hot asphalt* fi triq Santa Liena kantuniera ma triq Isouard biex tissolva l-problema kif isiru f'kunsilli lokali oħra.

2.27 Is-sindku rreferiet għall-korrispondenza li konna rċevejna minn għand id-direttur ta' l-immaniġjar tat-traffiku dwar proposta għall-installazzjoni ta' *traffic light junction* fi triq Rudolfu kantuniera ma triq Manwel Dimech sabiex tissolva l-problema tax-xarabank li toħroġ minn triq. Saret diskussjoni dwar il-proposta ta' l-ADT. Il-kunsill qabel ma din il-proposta iżda ma qabilx mal-proposta li ssir it-tabella *No Right Turn* minn triq Manwel Dimech għal triq Rudolfu.

2.28 Is-sindku rreferiet għas-spezzjoni li kienet saret fuq il-post mad-direttur ta' l-immaniġjar tat-traffiku fuq il-proposta tal-kunsill sabiex issir *pedestrian crossing* fi triq il-kullegg l-Antik fejn id-direttur kienet indikat post li jinsab ħdejn l-entratura tal-garaxxijiet tal-*Balluta mansions*. Is-segretarju eżekuttiv spjega l-importanza li jsiru l-*Belisha beacons* u spjega wkoll li l-kunsill se jkollu japplika bil-perit tal-Kunsill minħabba li d-direttur kienet talbet *site plan* dettaljata bħala applikazzjoni. Ġie deċiż li napplikaw lil ADT għal *pedestrian crossing* u possibbilment *raised pedestrian crossing* filwaqt li l-*belisha beacons* ma jsirux.

2.29 Il-kunsill iddeċieda li Sqaq Muscat għandu jsir bil-paviment liema xogħlijiet l-ewwel nipprovaw inwettquhom mad-Diviżjoni tax-Xogħlijiet bħala *Joint Venture*. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

2.30 Is-segretarju eżekuttiv qara l-ittra miktuba mingħand is-sur Joe Farrugia li huwa l-propjetarju l-ġdid ta' *Café Tigne* fejn talab li jbiddel il-paviment li jinsab quddiem il-ħanut tiegħu. Is-segretarju eżekuttiv ipprezenta l-maduma li kien

ġab is-sur Farrugia. Il-kunsill ma qabilx mal-maduma li pprovda s-sur Farrugia u ġie rrimarkat li s-sur Farrugia ma jistax jgħolli l-livell tal-madum b'tali mod li jġibu iktar għoli minn dak ta' ma' ġenbu. Il-kunsill qabel ukoll li is-sur Farrugia għandu jagħżel paviment jew porfido fil-każ li jrid il-bankina li tinbidel liema materjal l-ewwel irid jerġa jiġi ppreżentat lill-kunsill. Il-materjal għandu jkun kemm addattat kif ukoll *safe* għal *pedestrians.*

*Il-viċi sindku kien skużat milli jkompli jattendi s-seduta fis-7.20 p.m*

2.31 Is-segretarju eżekuttiv spjega d-differenzi fuq is-sistema ta' riċevuti li kellha tiġi introdotta fil-kunsill bejn sistema *web-based* u sistema *server based.* Is-segretarju eżekuttiv qara l-istimi li kien irċieva mingħand il-kumpanija *Cyberspace* għaż-żewġ sistemi. Il-kunsill iddeċieda li jagħżel is-sistema li hija *server based* li għalkemm tinvolvi spiża kapitali inizjali tista titqies bħala investiment.

2.32 Il-kunsillier L Vella talab li rigward triq San Piju ghadna ngibu stima minghand il-kuntrattur koncernat sabiex il-bankina terga ssir mil-gdid filwaqt li ghandha tidjieq ukoll. Il-Kunsill għandu jġib kwotazzjoni sabiex jara din tistax issir mal-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura bħala xogħlijet tal-*joint venture.* Il-Kunsill qal ukoll li jekk fil-każ din għandha ssir bil-*hot asphalt.* Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

*Il-kunsillier L Vella kien skużat milli jkompli jattendi s-seduta fis-7.30 p.m.*

2.33 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għal *email* li kienet ntbagħtet mill-MTA rigward *Bordee Maltaise sailing event* fejn kien hemm talba li *Sliema creek* titnaddaf kuljum. Ġie rrimarkat li din l-attivita' diġa' saret fil-passat u għalhekk il-kunsill ma' kellu l-ebda oġġezzjoni sabiex issir din l-attivita'.

2.34 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-ittra li kien kiteb lill-perit Bezzina wara li l-istess perit kien bagħat kont lill-kunsill sabiex saru l-emendi fit-*tenders* liema emendi kienu saru mis-segretarju eżekuttiv. Is-segretarju eżekuttiv spjega li kien intbagħat kont ta' madwar LM65 (€151,41) għal kull *tender* u b'kollox kien hemm erba *tenders.* Is-segretarju eżekuttiv spjega wkoll li jekk il-Kunsill għandu jħallas għandu jhallas biss tal-karti żejda li kellhom jiġu annessi mal-kumplament tat-tender. Kien hemm qbil unanimu dwar l-ittra li kienet intbagħtet mis-segretarju eżekuttiv.

2.35 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-mozzjoni proposta mill-kunsillier Briguglio u ssekondata mill-kunsillier Debono (kopja mehmuża) sabiex il-minuti tal-kunsill u l-*accounts* awditjati jitqiegħdu fuq il-*website* tal-kunsill. Filwaqt li kien hemm qbil unanimu sabiex l-*accounts* awditjati jitqiegħdu fuq il-website tal-kunsill ġie deċiż li l-parti l-oħra tal-mozzjoni għandha titħalla pendenti sas-seduta li jmiss fejn ikunu preżenti l-kunsilliera li pproponew u ssekondaw din il-mozzjoni. Is-Sindku ssuġġeriet li għandna nieħdu parir mill-avukat tal-Kunsill għall-fini tad-*Data Protection Act* minħabba li normalment jitniżżlu ismijiet ta' nies u affarijiet oħra.

*Il-kunsillier N Dmech kien skużat milli jkompli jattendi s-seduta fis-7.45 p.m*

## 3.0 MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLERA

Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet.

## 4.0 DEĊIŻJONI DWAR IT-TENDERS TA' TABELLI U SINJALI

Dan is-suġġett se jiġi diskuss fis-seduta li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.00 p.m. Seduta oħra hija msejħa għal-20 ta' Ġunju, fl-4.30pm.

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**